IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Minn żmien għal żmien tissemma l-idea li l-età tal-liċenzja tas-sewqan għandha togħla biex jonqsu l-karozzi u l-inċidenti gravi tat-traffiku. Uri taqbilx ma' dan l-argument u għid għaliex billi tiddiskuti r-raġunijiet tiegħek.

**JEW**

2. Min ikun wettaq reat kriminali u skonta s-sentenza tiegħu l-ħabs, isib ruħu mill-ġdid f'soċjetà li tista' tilqgħu jew tkompli tikkundannah. Temmen li l-eks priġunieri joħorġu mill-ħabs riformati? Taħseb li jingħataw l-opportunitajiet meħtieġa biex jintegraw mill-ġdid, u li s-soċjetà ma tibqax tqishom sempliċiment bħala 'eks priġunieri' jew 'eks ħabsin'? Iddiskuti.

**JEW**

3. Fl-aħħar snin sirna iżjed konxji mill-ħsara li jagħmel il-plastik fl-ambjent u fl-ibħra ta' madwarna. Biex nilqgħu għal dan, lokalment qed jittieħdu inizjattivi bħall-introduzzjoni ta' magni tar-riċiklar tal-fliexken. Inqas ma nużaw prodotti ppakkjati fil-plastik, aħjar. X'taħseb fuq din il-problema u kemm tqishom effettivi l-inizjattivi maħsuba biex jindirizzawha?

**JEW**

4. Id-diskussjoni fuq il-possibbiltà ta' ġimgħa xogħol ta' erbat ijiem tqanqlet aktar wara l-esperjenza tax-xogħol mid-dar tul il-pandemija. Il-Belġju, l-Ingilterra, Spanja u l-Iżvezja huma ftit mill-pajjiżi li għamlu dan bi prova biex iżidu l-flessibbiltà fuq ix-xogħol. Taħseb li hi realistika li kull post tax-xogħol ikollu l-ġimgħa tiegħu twila erbat ijiem flok ħamsa b'inqas sigħat ta' xogħol? Għad jiġi żmien li jkollna bilanċ bejn ix-xogħol u l-mistrieħ? Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IL-QARI

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Kull żmien iġib miegħu sfidi ġodda. Il-pandemija u l-gwerra fl-Ukrajna, li faqqgħet eżatt warajha, ħarbtu s-sistema tat-tqassim tal-prodotti mad-dinja u għollew il-ħajja f'daqqa. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-aktar bżonnijiet bażiċi, speċjalment tal-ikel u s-sorsi tal-enerġija, tinħass sewwa. Min hu komdu ftit li xejn iħossha għax ikun jiflaħ inaqqas dak li jista' jgħaddi mingħajru. Imma min jaqlagħha u jikolha jbati għax ikollu jnaqqas minn dak li hu bżonjuż, jekk mhux ukoll jogħdos waħdu f'aktar tbatija. (par. 1)

Studji li saru lokalment dan l-aħħar minn entitajiet bħal Caritas Malta jiftħulna għajnejna fuq il-faqar u juruna li jeżisti f'suriet differenti u li mhux dejjem jidher. Min hu qrib in-nies qajla għandu bżonn dawn l-istudji biex jagħraf iż-żieda fil-faqar. Minħabba ċ-ċirkostanzi globali iebsa li qed ngħixu, aktar nies, speċjalment anzjani, persuni vulnerabbli, u familji bi ħtiġijiet soċjali u emozzjonali qed isibuha iżjed diffiċli jlaħħqu mal-prezz tal-bżonnijiet essenzjali u biex jgħixu l-ħajja ta' kuljum b'dinjità. (par. 2)

Fostna hawn familji li qed jgħixu bla kumdità f'appartamenti żgħar ħafna jew f'garaxxijiet, spiss minħabba kirjiet li qed jibqgħu jogħlew lil hinn mir-realtà ta' ċerti pagi. Uħud jispiċċaw bla saqaf fuq rashom għax waqt kwistjonijiet ta' separazzjoni u manteniment, il-kera toħnoqhom. Hawn anzjani li qed jgħixu waħedhom fi djarhom bla dawl u ilma għax ma jistgħux iħallsu l-kontijiet minħabba d-dħul baxx tagħhom. Hawn ukoll nies li jgħixu fi djar li minn barra jidhru pjuttost diċenti imma li meta tidħol fihom issib storja oħra. Għax, ngħiduha kif inhi, ħadd ma jieħu gost juri li hu inqas minn ħaddieħor. (par. 3)

Imbagħad insibu tipi oħra ta' faqar li wkoll iħallu togħma morra u jtellfu d-dinjità tal-persuna. Hemm il-faqar ta' dawk li ma jafux jaqraw u jistħu juru li ma jafux; hemm dawk li ma jafux isajru u jkollhom jieklu dejjem minn barra, ħafna drabi ikel li ma jkunx sustanzjuż u tajjeb għas-saħħa; u hemm il-faqar ta' dawk li ma jafux iħaddmu s-servizzi elettroniċi u jispiċċaw maqtugħin mill-bqija tas-soċjetà mingħajr aċċess għal dawk li llum inqisuhom servizzi essenzjali. Hemm ukoll dawk li ma jistgħux iħallsu biex ikollhom l-internet id-dar. Kienet il-pandemija li kompliet tixħet id-dawl fuq dawn l-għamliet ta' faqar f'pajjiżna. (par. 4)

Fl-istess ħin, tajjeb nuru l-istampa kollha u ma niffukawx biss fuq l-ikrah. L-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tal-Knisja qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jaffrontaw il-problema tal-faqar u jrażżnu l-effetti tiegħu. Minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji u n-nuqqas ta' riżorsi umani, il-parroċċi Maltin qed jagħmlu sforz, ħafna drabi fis-skiet, biex itaffu t-tbatija li jiġu wiċċ imb wiċċ magħha. Hawn parroċċi li ta' kuljum iqassmu madwar 120 ikla lill-familji li m'għandhomx mezzi. Dan kollu jsir mill-voluntiera li jagħtu sehemhom bi mħabba, u l-parroċċi joħorġu l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż. (par. 5)

Kif jgħid il-Malti, "kulħadd ikejjel b'xibru". Qalbna u għajnejna kultant faċli jingħalqu quddiem dawn ir-realtajiet u naħsbu biss b'sens egoistiku, sa fejn jolqot lilna. Nibdew naħsbu li l-faqar ma jeżistix fostna u li kulħadd kapaċi jfendi għal rasu. Nibdew nemmnu li l-barranin biss jista' ma jkollhomx post fiss u denju fejn jgħixu u li kull min jaħdem qed idaħħal paga xierqa li biha jista' jlaħħaq mal-ħajja. (par. 6)

Il-faqar għadu fostna u forsi qed jiżdied. Jitlob minna qalb miftuħa biex nifhmu u nħennu. Irridu nkunu sensittivi biex nagħrfuh, anke jekk ma nilmħuhx mal-ewwel daqqa t'għajn. Jeħtieġ immiddu jdejna, kulħadd bil-mod kif jista'. Trid issir ukoll aktar ħidma bejn il-Gvern, il-Knisja, il-Caritas, l-għaqdiet mhux governattivi, u l-parroċċi ħalli l-għajnuna tiżdied u tkompli tilħaq lil kull min għandu bżonnha. (par. 7)

Hemm tentazzjoni kbira li l-faqar nużawh biex nitlewmu jew saħansitra nitgħajru bejnietna. Ħaġa bħal din issikket il-ħidma flok issaħħaħha. U s-skiet huwa arma qattiela. Dment li jibqa' jkollna lil min ma jistax jgħix b'dinjità, jibqgħalna x'naqdfu. Kull diskussjoni matura fuq is-suġġett hija utli. Din hi sejħa għall-għajnuna u l-ħidma. Id-dinjità ta' kulħadd hija importanti. (par. 8)

*(Addattata mill-editorjal "Il-faqar dejjem magħna" mir-rivista* Flimkien *ta' Ġunju 2022.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, l-istudji li saru jindikaw li l-faqar:

   a. insibuh biss f'pajjiżi b'ekonomija instabbli.
   b. jeżisti f'forom differenti anke jekk moħbi.
   ċ. ma narawh qatt.
   d. beda wara l-pandemija.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. Il-kelma **vulnerabbli** fis-sentenza: "Minħabba ċ-ċirkostanzi globali iebsa li qed ngħixu, aktar nies, speċjalment anzjani, persuni vulnerabbli, u familji bi ħtiġijiet soċjali u emozzjonali qed isibuha iżjed diffiċli jlaħħqu mal-prezz tal-bżonnijiet essenzjali u biex jgħixu l-ħajja ta' kuljum b'dinjità." (par. 2) tfisser:
      i. b'abbiltà speċjali
      ii. indipendenti
      iii. ġenerużi
      iv. dgħajfa

   b. Il-kelma **jrażżnu** fis-sentenza: "L-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tal-Knisja qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jaffrontaw il-problema tal-faqar u jrażżnu l-effetti tiegħu." (par. 5) tfisser:
      i. itejbu
      ii. jenfasizzaw
      iii. jikkontrollaw
      iv. iżidu

   ċ. L-espressjoni idjomatika **jaqlagħha u jikolha** fis-sentenza: "Imma min jaqlagħha u jikolha jbati għax ikollu jnaqqas minn dak li hu bżonjuż, jekk mhux ukoll jogħdos waħdu f'aktar tbatija." (par. 1) tfisser:
      i. jippreferi jiekol ikel frisk
      ii. żaqqieq u ma jikkontrollax kemm jiekol
      iii. min m'għandux mezzi finanzjarji biżżejjed
      iv. jonfoq flus bl-addoċċ

   d. L-espressjoni **immiddu jdejna** fis-sentenza: "Jeħtieġ immiddu jdejna, kulħadd bil-mod kif jista'." (par. 7) tfisser:
      i. nagħtu sehemna u ngħinu
      ii. insawtu biex niddixxiplinaw
      iii. nistrieħu biex niġu f'tagħna
      iv. nieħdu b'idejn xulxin

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** fuq it-tipi differenti ta' faqar li jissemmew fis-silta. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Fisser il-qawl li jissemma fis-silta "kulħadd ikejjel b'xibru" billi tagħmel referenza għall-fatturi li jsemmi l-editorjal. (3)

5. Fis-silta jissemmew għadd ta' inizjattivi maħsubin biex jikkontrollaw il-problema tal-faqar f'pajjiżna. Identifika **TNEJN** minnhom u spjega kif tista' tagħti sehmek inti wkoll. (3)

6. Lejn it-tmiem l-editorjal jgħid li jekk il-faqar nużawh biex nitlewmu jew nitgħajru bejnietna, il-ħidma tissikket flok tissaħħaħ. Jgħid ukoll li "s-skiet huwa arma qattiela!" Xi jrid jgħid biha din l-awtur? (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Il-perjodi storiċi differenti ta' pajjiżna kellhom, xi ftit jew wisq, influwenza fuq it-tiswir tal-lingwa. Iddiskuti dan b'eżempji mil-lessiku u l-morfoloġija ta' lsienna.

**JEW**

2. Meta ngħidu li l-Malti hu lsien imħallat xi nkunu qed infissru eżatt? Iddiskuti dan u saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji lessikali xierqa.

**(Total: 20 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-poeżiji ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, it-tama u l-ansjetà huma ppreżentati bħala parti integrali mill-esperjenzi tal-bnedmin. Iddiskuti.

**JEW**

2. L-identità nazzjonali bin-nuqqasijiet kollha tagħha qiegħda fil-qalba ta' wħud mill-poeżiji fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* ta' Oliver Friggieri. Iddiskuti kif jidhru l-karatteristiċi ewlenin tal-poplu Malti fil-poeżiji li studjajt.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tinqeda b'elementi sempliċi bħall-kuluri, l-istaġuni, il-kotba, u l-baħar biex tikteb poeżija li hija impenjata politikament. Iddiskuti.

**JEW**

2. Għal Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna*, il-poeżija ssir spazju li fih toħloq lilha nfisha mill-ġdid fi sfumaturi differenti. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

(i)

Ma kienx iħobb jasal fil-ħin għax-xogħol. L-aktar minħabba l-fatt li l-ħin tal-bidu tal-ġurnata tax-xogħol tiegħu kien jiddeċidih hu, il-ħidma kienet tibda malli jidħol fl-uffiċċju, ikun xħin ikun, barra mill-bieb ix-xogħol kien jinsieh, jitfih bħal swiċċ, 'il fuq jew 'l isfel, ma kellux punt fin-nofs, ma kienx wieħed li jieħu x-xogħol miegħu lura d-dar, la fil-basket u lanqas f'rasu. U ħsibijietu waqt li kien ikun qed jixrob il-kafè fil-kwiet u jħares madwaru żgur li ma kinux ikunu dwar id-dossiers li kien se jkollu jaħdem fuqhom fl-uffiċċju dakinhar. Ma' kull belgħa kafè kien iħoss għajnejh u widnejh jinfetħu għal dak li kien qed iseħħ madwaru, is-sensi kien iħosshom jattivaw ruħhom wieħed wieħed. Mal-ħajt kien hemm ritratti b'kuluri vibranti ta' ħaddiema fl-għelieqi tal-pjanta tal-kafè, kollha bi tbissima fuq wiċċhom, medhija f'xogħolhom fil-bidu ta' proċess li fit-tmiem tiegħu kien hemm proprju hu, bilqiegħda bil-kikkra tal-kafè tmiss ma' xufftejh. Kuljum, mal-ewwel belgħa, kien isellmilhom lil dawn tar-ritratt biex jurihom li xogħolhom kien qed irendi l-frott mixtieq – lilu, raġel li jibda l-ġurnata tiegħu bil-kafè u b'hekk jassigura s-suċċess tal-bqija tal-ġurnata tiegħu, xogħol u mhux.

Ma kellux idea ċara riedx jiltaqa' magħha. Ġiet iżżuru, qaltlu fil-messaġġ li kienet bagħtitlu ftit jiem qabel. Hawn, fil-belt li kien għamilha d-dar tiegħu. Iżda hi kienet ġejja mill-gżira li xi darba kienet tiegħu wkoll. Ma tantx kien japprezzaha din it-tfakkira. Lilha kien jafha minn qabel, meta kienet iżgħar u bħall-ġmiel tagħha kien għadu qatt ma ra. Kien hemm żmien meta isimha biss ukoll kien iqabbdu dehxa tul dahru kollu. Xagħru kien għadu folt u iswed meta kien raha l-aħħar, fi żmien meta l-qliezet u l-flokkijiet kien jilbishom issikkati, meta ġurnata xemxija fix-xitwa kienet tfisser mixja ma' sħabu mir-Rabat sal-Imġarr jew il-Buskett, meta filgħaxijiet kien iqattagħhom iħuf il-Belt, fit-toroq vojta u mejta malli jidlam u jagħlqu l-ħwienet, meta l-mużika kien jixtriha mingħand D'Amato mhux jikriha online.

Dak iż-żmien il-kafè – il-kafè ta' veru – ma kienx għadu daqu. Ommu u missieru kienu jixorbu kafè magħmul mit-trab taċ-ċikwejra mħallat mal-misħun mifqugħ bil-ħalib – għal snin twal dak tal-bott – u żewġ kuċċarini zokkor. Kien jiftakarha sew ir-riħa u t-togħma tal-ħalib tal-bott, u l-kulur safrani tiegħu – ħalib li kien iqisu aktar tajjeb għat-trabi jew għat-tfal tant kien ikun fih zokkor. Kien jiftakar ukoll il-mument meta ommu u missieru qalbu, ħabta u sabta, għall-ħalib tal-flixkun minflok, ħalib abjad li mħallat mat-te u mal-kafè kien jiġi kulur imdardar, qisu l-ħalib tal-bott, wara kollox, kien imur aħjar, għall-inqas bħala kulur u konsistenza. Iżda kultant kienet tiġi r-riħa tal-ħalib tal-bott fi mnifsejh u kien iħossu se jaqla'.

*(Min-novella ta' Loranne Vella, "kikkra kafè" fl-antoloġija Mill-Bieb 'il Ġewwa)*

**JEW**

(ii)

Ta' tmienja u sittin, James għadu jżommha. Jgħidulu "l-Ingliż", għax wiret il-karnaġġjon ta' missier missieru, li kien minn Wales. Fih raġel, magħqud iżda mhux oħxon, dritt daqs xemgħa, ruxxan, għajnejh żoroq, u bil-mustaċċi. Għandu xagħru fil-griż u jżommu dejjem maqtugħ pulit qisu għadu ħiereg mingħand il-barbier. Jimxi mixja kuljum u spiss tarah ipassi minn Balzunetta sal-Belt biex jiltaqa' ma' xi ħabib il-Barrakka ta' Fuq, jieħdu belgħa te u jgħidu kelmtejn jew tlieta. Mill-bqija, jgħix ħajja kalma u kwieta, kollox ippjanat u bla sorpriżi. S'issa.

James iferfer waħda l-gazzetta u jifrixha fuq saqajh. Tinħass itqal mis-soltu. It-*Times* tal-Ħadd 27 tax-xahar. Ħarġa speċjali mimlija artikli u ritratti jiddokumentaw il-folol u l-ewforija li laqgħu l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni waqt iż-żjara tiegħu f'Malta. Fuq il-faċċata hemm ritratt kbir tal-Papa fuq katamaran fil-Port il-Kbir, imdawwar b'għexieren ta' dgħajjes. Kif jagħmel kull meta jkun qed jaqra l-gazzetta, James jibda jgħaddi l-kummenti minn taħt l-ilsien: "Kif waqfet għalkollox Malta dal-jumejn! Qisu reġa' ġie San Pawl!"

It-te ġie perfett illum, jinnota b'sodisfazzjon; la ħafif iżżejjed u lanqas karg wisq, u ħalib fih preċiż kemm hemm bżonn biex jieħu l-kulur u t-togħma ideali. It-te James jieħdu bil-ħalib tal-bott u b'żewġ kuċċarini zokkor, imburġati. Importanti li jkun f'tazza tal-ħġieġ għax inkella t-togħma tinbidel. U ma jixorbux jekk ma jkunx jaħraq.

Biex iqalleb il-gazzetta juża dejjem l-istess sekwenza. Mill-faċċata ta' quddiem imur għall-paġni tal-isports, imbagħad għall-kronaka lokali u internazzjonali, u wara għall-paġni tal-ittri lill-editur. Ħafna drabi jeħel hemm, għax aktarx fost il-korrispondenza tal-qarrejja jsib xi opinjoni li ma jaqbilx magħha, u ma jistrieħx qabel ma jilgħaq envelopp li jkun fih risposta bil-kontroargumenti kollha tiegħu. Fl-aħħar, jekk ikun fadallu ħin, jinfitel mat-tisliba.

Illum, malli jpoġġi t-tazza sħuna u vojta maġenbu u jsib il-paġna tal-ittri, l-ewwel ma jilmaħ tkun ittra akkumpanjata minn ritratt antik, iswed u abjad. *Seeking information about a long-lost friend*. Minn dawn ikun hemm spiss, u ma tantx jinteressawh. Għajnejh jaqbżu għal fuq it-titli tal-ittri l-oħrajn. *Dangerous building site*. Jalla waħda. *Amnesty for prisoners*. Mhux hekk? La ġie l-Papa, ħaqqhom jumejn maħfura msieken, hux? *A land of contradictions*. Tiċċajta! Għajnejh jerġgħu jmorru fuq ir-ritratt antik, u jinqata' minn ġewwa hekk kif jagħraf ix-xbieha mitfija tiegħu nnifsu, liebes l-uniformi tal-Armata Ingliża. Ritratt miġbud f'Haifa, iktar minn erbgħin sena ilu. Qiegħed spalla ma' spalla mas-Surġent Doyle u warajhom – ma jidhrux sew fir-ritratt – hemm il-ġonna mtarrġa ta' Bahá'í, bir-ringieli tas-siġar tal-palm jixxabbtu mal-għolja ta' Monte Carmeli sat-tempju fil-quċċata.

L-ittra mar-ritratt miktuba minn korrispondenta mara li qed tgħid li qed tfittex il-persuna fuq il-lemin tar-ritratt li kienet taf snin ilu. Tiftakar li kien jismu James Arthur Young, Eks Kaptan fl-Armata Ingliża, li kien stazzjonat il-Palestina fl-1946. Din il-persuna qed titlob lill-qarrejja biex jikkuntattjawha jekk għandhom xi tagħrif li jista' jgħinha ssib lil dan il-ħabib antik tagħha. Se tkun alloġġjata n-Notabile Hotel, l-Imdina, sal-10 ta' Ġunju.

Iffirmata, Ruth Kaminski.

"Fejn kont dawn is-snin kollha, Ruth?" iħarħar b'leħen baxx James. Għajnejh jiċċajpru u qed iħoss għoqla tielgħa fi griżmejh.

*(Min-novella ta' Antoinette Borg u Anthony Portelli, "Sparali jekk jogħġbok" fl-antoloġija Innuendo)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 1 ta' Settembru 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Paċikk jieħu t-tort bla mistenni għal Feliċ li jkun se jiġi kkundannat għall-qtil ta' Luretu. Iddiskuti l-karattru ta' Paċikk b'referenza għall-mod sorprendenti li bih jintemm ir-rumanz *Ħelsien*.

**JEW**

2. *Ħelsien* jitkellem ħafna dwar il-klassijiet jew inkella gruppi politiċi jew soċjali f'konfront ma' xulxin, speċjalment f'ġirja biex jilħqu jew ikunu aħjar mill-oħrajn. Uri dan b'eżempji mir-rumanz.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'bosta min-novelli f'*Xemgħat*, Trevor Żahra jħallat ir-reali mal-fantastiku fi ġrajjiet marbutin ma' aspetti differenti tal-kultura u l-ħajja Maltija. Uri dan b'eżempji.

**JEW**

2. "Trevor jogħġobni għax il-fantasija tiegħu taħsdek: l-immaġinazzjoni ta' Trevor taffaxxinani. Trevor għandu ħabta jbiddel dak li hu familjari f'dak li mhux; sew meta jaqbad mad-dinja tal-annimali kif ukoll meta jitkellem fuq il-bniedem innifsu, arah jimmanipula, jgħawweġ u jġedded dak kollu li aħna s-soltu mdorrijin bih." (Mario Cassar) Uri dan b'referenza għall-kitbiet f'*Xemgħat*.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iż-żewġ familji li jgħixu faċċata ta' xulxin f'*Karnival* qishom barranin f'arthom stess. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji mid-dramm.

**JEW**

2. Xi rwol u tifsira għandu l-karattru tal-Maskerat f'*Karnival*? Uri dan b'referenza għall-iżvilupp tad-dramm u l-karattri tiegħu.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.